**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 10 ta' Dicembru 2015**

Rikors Guramentat Nru. 267 / 14RGM

Kawza fil-lista: 26

**AB C D**
**vs**
**L-Avukat Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello li permezz tad-digriet datat 29 ta' Dicembru 2014 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti E F D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fl-1 ta' Dicembru 2014 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi il-partijiet kienu ikkuntrattaw zwieg bejniethom fir-Register Office ta' Bromyard, Herfordshire, l-Ingilterra, fit-3 ta' Gunju 2000 u dana z-zwieg kien gie debitament registrat ukoll fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Illi minn dana zwieg twieled it-tifel Emanuele F D C li ghandu il-karta ta' l-identita numru 142601L u dana fil-5 ta' April, 2001 u ghalhekk ilium l-istess tifel komuni minuri ghandu tlettax il-sena.

Illi l-partijiet huma ilium legalment separati minn xulxin, u dana permezz ta' Sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fis-27 ta' Jannar 2006 [Citaz numru 162/2005/JA].

Illi permezz ta' Sentenza sussegwenti moghtija minn dina l-istess Onorabbli Qorti fl-24 ta' Gunju 2009 [Citaz numru 241/08/NC], il-kura u kustodja tal-imsemmi tifel komuni minuri Emanuele F D C kienet giet fdata f' idejn ir-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti ilha ma tisma minghand zewgha, li jinsab assenti minn Malta, ghal dawn l-ahhar tnax [12] il-sena u 'l fuqhom, u ma ghandha 1-ebda ahbar jew hjiel iehor fir-rigward tieghu lanqas fir-rigward tar-residenza prezenti u attwali tieghu.

Illi f' dan iz-zmien kollu kienet unikament ir-rikorrenti li hadet hsieb il-bzonnijiet kollha tal-fuq imsemmi tifel komuni minuri Emanuele F D C u I-intimat ma ha l-ebda inizzjattiva ta' xejn sabiex b' xi mod jikkontribwixxi lejn il-htigijiet tal-istess tifel, izda ghal kuntrarju abbandunah ghal kollox u dana sahansitra sa minn qabel l-istess twelid tieghu.

Illi permezz ta' digriet moghti minn dina l-istess Onorabbli Qorti fis-16 ta' Gunju 2011, dwar rikors ipprezentat mir-rikorrenti wara l-fuq imsemmija sentenza moghtija fl-24 ta' Gunju 2009, il-Qorti kienet laqghet it-taiba tal-istess rikorrenti u awtorizzat il-hrug ta' passaport f'isem il’ fuq imsemmi minuri Emanuele F D C.

Illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ir-rikorrenti tixtieq illi l-awtorita' tal-genitur fil-konfront tal-imsemmi tifel minuri Emanuele F D C tigi vestita unikament fiha bhala omm l-istess tifel minuri, sabiex b' hekk l-istess rikorrenti tkun tista' tiehu wehidha d-decizjonijiet importanti kollha li jistghu jikkoncernaw lill-istess minuri sakemm dan jaghlaq l-eta' magorenni tieghu, u li ghandhom bzonn tal-awtorita' tal-genituri, minghajr ma kull darba jkollha bzonn li tirkorri ghall-awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onprabbli Qorti joghobgha tordna illi l-awtorita' tal-genitur fir-rigward tat-tifel minuri Emanuele F D C tigi vestita unikament fil-persuna ta' ommu l-istess rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

L-attrici xhedet bil-mezz ta’ affidavit.[1] Spjegat li kienet izzewget lil E F D fit-3 ta’ Gunju 2000. Minn dan iz-zwieg twieled Emanuele F fil-5 ta’ April 2001. Tkompli tixhed hekk:

[1] Fol. 47

*“Nghid illi zewgi abandunani fit-tqala meta sar jaf li kont qeghda nistenna tarbija. Kelli hames gimghat tqala meta telaqni u ghalhekk meta twieled Emanuele qatt ma rah.*

*Illi nghid ukoll li l-intimat zewgi qatt f' dawn is-snin kollha [tlettax il-sena] ma ghamel kuntatt maghna. La mieghi u wisq anqas ma’ ibnu. Illi nghid li permezz ta' sentenza moghtija fis-27 ta' Jannar 2006, jiena u zewgi konna s-separajna u permezz ta' sentenza moghtija fl-24 ta' Gunju 2009, il-kura u kustodja tat-tifel taghna komuni, Emanuele F D C, giet fdata lili.*

*Illi sussegwentement wara s-sentenza tal-24 ta' Gunju 2009, jien kont ghamilt rikors iehor fil-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] ghal hrug tal-passaport f' isem it-tifel tieghi Emanuele, li gie milqugh.*

*Nghid illi informazzjoni fuq l-intimat ma ghandhiex, li naf hu li qatt ma ghex Malta wara li abbandunana.*

*Illi kif inhuma l-affarijiet bhalissa, ghalkemm jien ghandi l-kura u kustodja tat-tifel Emanuele, jien ma nistax niehu decizjonijiet wahdi ghal ibni. Matul iz-zmien kelli naffaccja diversi problemi mal-awtoritajiet fosthom id-Dipartiment tal-Edukazzjoni u Sahha, minhabba li kellhom bzonn il-firma ta' missieri it-tifel. Ezempju ta' dan kien 1-iskola tat-tifel u l-lsptar meta Emanuele jkollu bzonn xi kura medika.*

*Nghid li l-gimgha diehla Emanuele sa jkollu jidhol l-Isptar Mater Dei biex jaghmel "major operation" u ghalhekk nistenna li nigi mitluba ghal darba ohra biex nipprovdi dokumenti biex nispjega li it-tifel minuri lili biss ghandu u li missieru qatt ma kien prezenti f' hajjitna.*

*Illi jien kelli naghmel finalment din il-procedura sabiex l-awtorita' tal-genitur fil-konfront ta’ ibni Emanuele tigi vestita unikament fija bhala ommu. B' hekk jien inkun nista' niehu wahdi d-decizjonijiet importanti kollha li jistghu jikkoncernaw lill-Emanuel sakemm huwa jkun maggorenni.”*

Xehdet ukoll Anna Frendo li kkorroborat diversi partijiet mix-xhieda tal-attrici.

Rat li l-kuraturi deputati ma setghux jikkomunikaw mal-assenti peress li l-attrici ma hiex f’posizzjoni li tipprovdi informazzjoni dwar mod ta’ komunikazzjoni mal-assenti.

**Konsiderazzjonijiet**.

**Artikolu 56 tal-Kap. 16** jipprovdi illi (1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna wkoll lil liema waħda mill-partijiet għandha tiġi fdata l-kustodja

tat-tfal u l-konsiderazzjoni ewlenija tkun il-ġid tal-ulied. (2) Il-qorti tista', jekk tqis li dawk il-miżuri jkunu tassew meħtieġa, u wara li tqis iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, tordna li l-ulied jitqiegħdu taħt fil-kustodja ta' persuni in loco parentis, ta' terzi, jew f'xort'oħra ta' kura. (3) Il-qorti tista' tagħti dawk l-ordnijiet fis-sentenza tal-firda, għalkemm fl-azzjoni għaliha ma tkun saret ebda talba, dwar ilkustodja tal-ulied. (4) Il-qorti tista', f'kull żmien, tirrevoka jew tibdel dawk lordnijiet dwar l-ulied, meta l-interessi tal-ulied hekk jitolbu. (5) **Il-qorti tista' barra dan, meta ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tistabbilixxi li xi ħadd mill-ġenituri jew it-tnejn ikunu miċħuda mill-jeddijiet tal-awtorità tal-ġenituri għal kollox jew f'parti.**

Mill-provi prodotti jirrizulta sodisfacentement illi l-konvenut abbanduna kompletament lill-martu u lil bintu minuri. Dan qed jakkaguna problemi lill-attrici specjalment meta jkun mehtieg il-firma tal-missier. Stante li l-missier abbanduna kompletament lill-minuri u lanqas ghadu jghix f'Malta, jezistu c-cirkostanzi sabiex il-Qorti tapplika l-artikolu 56 sub-inciz 5 tal-Kap. 16 u tnehhi minn fuq E F Gardnier is-setgha ta 'genitur minn fuq il-minuri Emanuele F D C.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici,

1. Tordna illi l-awtorita' ta' genitor fir-rigward tal-minuri Emanuele F D C titnehha minn idejn E F D.

2. Tordna illi l-awtorita' ta' genitor fir-rigward tal-minuri Emanuele F D C tkun vestita unikament f'idejn AB C D.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut b'dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**